32005R0643

28.4.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 17/17

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 643/2005

## tas-27 ta' April 2005

## li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2909/2000 dwar il-ġestjoni fil-kontijiet ta' l-assi fissi mhux finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunisdrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewopej [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 133(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2909/2000 tad-29 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġestjoni fil-kontijiet ta' l-assi fissi mhux finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej [2] waqqaf regoli u metodi tal-kontabilità fil-kamp ta' l-assi fissi mhux finanzjarji skond ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977.

(2) Ir-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru 1977 ġie sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 1605/2002.

(3) Dan ir-Regolament Finanzjarju ġdid jipprovdi, fl-Artikolu 133 tat-Titolu VII, li r-regoli u l-metodi tal-kontabilità huma deċiżi mill-kontabilist tal-Kummissjoni.

(4) L-Artikolu 181(2) it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1605/2002 jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu VII ta' dan ir-Regolament għandhom jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom skond is-sena finanzjarja 2005.

(5) B'hekk jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 2909/2000 jiġi rrevokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2005, waqt li jiġi pprovdut li dan għandu jkompli jiġi applikat għall-operazzjonijiet tal-kontabilità li jikkonċernaw is-snin finanzjarji ta' qabel l-2005.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2909/2000 hu rrevokat.

Madankollu, dan jibqa' japplika għall-operazzjonijiet tal-kontabilità fir-rigward tas-snin finanzjarji ta' qabel l-2005.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan hu applikabbli mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-27 ta' April 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Dalia GRYBAUSKAITĖ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[2] ĠU L 336, 30.12.2000, p. 75.